## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2019**

**Talba Nru: 43/2019 PM1**

**Good Earth Distributors Limited (C6370)**

**Vs**

**Joseph Sammut (277782(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2019 illi permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi dikjarat bhala debitur taghha fis-somma ta' elf mitejn u wiehed u hamsin euro u sebgha u sebghin centezmi (€1251.77) u konsegwentement ikkundannat sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici din l-istess somma, bl-imghaxijiet fuq l-ghola rata permessa mil-ligi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali fuq imsemmija ossija t-12 ta' Frar, 2019 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra l-atti annessi mal-avviz tat-talba senjatament l-i*statement of account* (Dok. ‘A’), kopja tal-ittra ufficjali datata 4 ta’ Jannar, 2019 u n-nota responsiva relattiva (Dok. ‘B’).

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat fit-8 ta’ Mejju, 2019 (tergo fol. 14) naqas milli jressaq ir-risposta tieghu ghalkemm deher flimkien mar-rapprezentant legali tieghu ghas-seduta tal-5 ta’ Gunju, 2019.

Ra illi fis-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2019 is-socjeta` attrici ghalqet il-provi taghha bil-prezentata tan-nota bl-annessi affidavits ta’ Jonaphin Spiteri u Adrian Camilleri u dokumenti a sostenn.

Ra li minkejja diversi differimenti moghtija sabiex il-partijiet jilhqu ftehim, tali ftehim baqa’ qatt ma gie milhuq u li konsegwentement il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Ili, ghalkemm f’dawn il-proceduri il-konvenut baqa’ kontumaci, il-kontumacja tekwivali ghal kontestazzjoni tal-kawza (ara f’dan is-sens App. Civ. 6.11.1959 fil-kawża fl-ismijiet **Gerada vs . Attard (Kollez. Vol: XLIII.i.545)** fost diversi ohrajn).

Illi madanakollu da parti taghha s-socjeta` attrici ressqet l-affidavits kemm tal-*general manager* u kif ukoll tas-*sales manager* taghha (fol. 17 et. seq. tal-process) li t-tnejn li huma ikkonfermaw l-ammont mitlub permezz ta’ din il-procedura bhala dovut mill-konvenut. Mill-affidavit ta’ Jonaphin Spiteri jirrizulta wkoll li l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta’ prodotti mibjughin mill-istess socjeta` attrici lill-konvenut ezercenti n-negozju l-ewwel bhala Filder Discount Store u mbaghad bhala JDS Convenience kif jinghad ukoll fil-premessi tal-avviz. Perdipiu`, skont l-istess xhieda, l-ammont mitlub jinsab ukoll ikkonfermat kemm tramite l-i*statement* anness mal-istess avviz kif ukoll mill-fatturi annessi mal-affidavit tal-istess Jonaphin Spiteri.

Illi ghat-Tribunal dan huwa sufficjenti sabiex jipprova r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet u l-pendenzi bejniethom.

Illi fir-rigward tal-ammont mitlub, l-istess xhud Jonaphin Spiteri jixhed li l-ammont dovut mill-konvenut jirrizulta wara li wiehed inaqqas il-*credit notes* (komplessivament ezebiti bhala Dok. JS2) mill-ammonti indikati fil-fatturi (komplessivament ezebiti bhala Dok. JS1). Madanakollu meta t-Tribunal wettaq dan l-ezercizzju irrizulta li l-ammont komplessiv skont tali fatturi huwa dak ta' €1683.32 filwaqt li l-ammont komplessiv rizultanti mill-*credit notes* jammonta ghal €635.69 b'tali mod li l-bilanc rimananenti dovut mill-konvenut jammonta, mhux ghas-somma mitluba, imma ghas-somma ta' €1047.63.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li, skont il-provi prodotti mill-istess socjeta` attrici, l-ammont dovut mill-konvenut huwa dak ta' €1047.63. L-imghaxijiet jiddekorru fuq l-istess somma mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Jannar, 2019, cioe` mit-12 ta' Frar, 2019.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' limitatament it-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta` attrici fis-somma surreferita ta' elf, sebgha u erbghin euro u tlieta u sittin centezmi (€1047.63) u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-imsemmija somma bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Frar, 2019 sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1798/18 u tal-mandat ta' qbid 1880/18 u mandat ta' sekwestru 1879/18, jinqasmu erba' kwinti (4/5) ghall-konvenut u kwint (1/5) ghas-socjeta` attrici.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**